MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2010

Numru. 730/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**
**KONTRA**

**JOSEPH ANDREWS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Andrews, bin Paul u Rita nee' Nappa, mwieled nhar is- 27 ta' Marzu 1979 Pieta', residenti 18, Triq il-Miklem Malti, M'Scala u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 261679(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar l- 20 ta’ Gunju 2010 ghal habta tat- 3.20am minn gewwa Club Sabor li jinsab Triq Wilga, San Giljan u/jew fil- vicinanzi kkommetta serq ta’ handbag li go fih kien hemm mobile tal- marka BlackBerry, Kamera digitali tal-marka Canon u €15 fi flus kontanti ghad- dannu ta’ Deborah Paris kif ukoll mobile phone tal- marka BlackBerry u kartiera li fiha kien hemm €100 fi flus kontanti ghad- dannu ta’ Bernard Mangion, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur u bil- hin;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidra, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261 (c), (f), 267 u 270 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------